MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 77/2003

**Aquatess Limited**

**Vs**

**Joanne Baldacchino**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hames mija u hamsin lira Maltija (Lm550), bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha lill-avukat Dr. Renato Cefai in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' hames mija u hamsin lira Maltija (Lm550), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------